# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Frar tas-sena 2001.**

**Numru 15**

**Avviz numru 1586/00/SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Charles Schembri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u erbgha u erbghin Liri Maltin u sitt centezmi (LM344.06) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A 1 u A 2) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sal-jum tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju, 2000 (Dok. B) u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru li gewipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 17 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' mitejn sitta u sittin Lira Maltin u tmien centezmi (LM266.08)**

**flimkien ma'l-imghax legali mill-1 t'Ottubru tas-sena 2000, stante depoziti fil-mori tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-17 ta' Jannar tas-sena 2001 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba kif ridotta tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**